MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2473/2002

**Raymond Schembri
vs
Vincent Perrett**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur, fil-15 t'Ottubru, 2002, fejn intalab l-ammont ta' mitejn u hamsin Lira Maltija (LM250.00) rapprezentanti danni lill-attur in segwitu ghall-incident stradali li sehh Attard, fit-3 ta' Marzu, 2002, meta l-Volks Vagen Vann numru TFH 019 misjuq mill-konvenut dahal fuq wara tal-karozza Skoda numru JAM 486 ta' l-attur (front-to-rear collision) u dan wara, occorrendo, dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni, responsabilita' attwalment ga assunta bl-ispejjez, komprizi LM 11.50 ta' ittra u konsult u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-kap 104 u bl-imghax min-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-5 ta' Novembru, 2002, fejn intqal illi r-responsabbilta' da parti tal-konvenut ghall-akkadut hija ammessa, izda d-danni ikkagunati fl-incident de quo kienu ferm minimi, u ghalhekk l-ammont reklamat mill-atturi huwa eccessiv u kontestat u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.**

**Sema' x-xhieda, u ezamina d-dokumenti.**
**Ikkunsidra:**

**Illi din il-kawza tikkoncerna l-valur li ghandu jithallas ta' vettura sussegwenti ghall-kollizjoni (ghal liema kollizjoni giet assunta r-responsabbilita' 'ab initio') liema vettura giet dikjarata "beyond economical repair". Din id-dikjarazzjoni saret mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut u liema dikjarazzjoni giet accettata mill-attur. Di fatti l-attur la sewwa l-vettura u wisq anqas qed jitlob odjernament ir-rifuzjoni ta' l-ispejjez minnu maghmula.**

**Is-socjeta' assiguratrici tal-konvenut li finalment ser ikollha tizborzja inkarigat lis-Surveyor taghha biex jasal ghal stima. Originarjament kien inghata valur ta' erbghin Lira Maltija (LM40) u jigi mizmum ir-wreck da parti ta' l-attur. Seduta stante is-somma telghet (ghal xi haga fuq il-mitt lira Maltin (LM100) (vide seduta 27 ta' Mejju, 2003) bhala "pre-accident value."**

**Id-divergenza hija effettivament f'dan l-istadju ossia dan il-famuz "pre-accident value." Bhala valur ta' assikurazjoni, kienet giet iffissata is-somma ta' seba' mitt Lira Maltin (LM700) bejn l-attur u s-socjeta' assikuratrici. Bhala valur moghti mill-assocjazzjoni tas-socjetajiet assikuratrici, dan kien jammonta ghal erba' mija u tmenin Lira Maltija (LM480.) Bhala valur moghti mill-persuna addetta mill-attur li kien jehodlu hsiebha ghal numru ta snin qabel l-incident, il-valur kien ta' bejn mitejn u hamsin Lira Maltija (LM250) u tliet mitt Lira Maltija (LM300).**

**Il-konvenut jippretendi li jithallas ammont ta' xi haga fuq il-mitt lira Maltija (LM100). Meta s-surveyor tas-socjeta' assikuratrici tal-konvenut iddikjara "cash settlement" ta' erbghin Lira Maltija (LM40) u jzomm ir-wreck l-istess attur, kien qed jaghti stima ghaliha ta' sittin Lira Maltija (LM60) (Fol. 44).**

**Id-dover ta' min isofri d-danni jikkoncentra fuq il-minimazzjoni tieghu stante li ser jithallas minn haddiehor. Huwa tenut li jassigura r-restitutio in integrum biex jipprova javvicina l-istatus quo ante f'kaz li dan ma jkunx jista' isir (bhal dak odjern). Irid jigi ffissat kumpens xieraq u adegwat biex jissodisfa l-hsara ikkagunata.**

**Illi jigi rilevat li l-valur moghti mis-socjeta' assikuratrici ma jorbotx lil terzi billi din hija relazzjoni 'ex contractu' bejn iz-zewg kontraenti. Jista' jaghti indikazzjoni pero' li huwa wiehed 'inter alios acta'. Huwa validu wkoll il-valur moghti mill-assocjazjoni tas-socjetajiet assikuratrici tramite r-registru minnha pubblikat annullament. Huwa idoneo pero' dak il-valur moghti minn surveyor wara ftit jiem ta' l-incident.**
**Sia jekk ikun inkarigat mis-sid tal-vettura sia dak minn dak inkarigat mill-kontroparti – ovvjament dejjem normalment tramite s-socjetajiet rispettivi taghhom. Dak inkarigat mill-attur, wasal ghall-valur ta' bejn mitejn u hamsin Lira Maltija (LM250) u tliet mitt Lira Maltija (LM300); dak mill-konvenut cirka mitt lira Maltija (LM100) – kif diga' rilevat sittin lira Maltija (LM60) bhala 'wreck value'. Illi t-Tribunal jirrileva li l-valur moghti minn Joseph Brincat huwa ferm baxx konsederando ix-xhieda prodotta u d-dokumenti esebiti. Jirrileva inoltre li ghalkemm l-"book value" kien ta' erba' mija u tmenin Lira Maltija (LM480) u assigurata ghal seba' mitt Lira Maltija (LM700) l-attur finalment ghazel il-valur moghti mill-espert tieghu. Anzi ghazel ic-cifra minima tenut kont li l-'book value' jirrelata fuq vettura b'kondizzjoni ottimali ghall-ahhar. Dan ghandha gie konsiderat minn dik il-persuna li tiehu hsieb l-istess vettura. Kombaccjanti ma' l-**

**opinjoni espressa mis-Surveyor tal-konvenut, it-Tribunal jasal ghal stima gustifikabbli ghas-somma ta' mija u disghin Lira Maltija (LM190) u l-istess attur izomm ir-wreck (LM190+60 = LM250).**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici tenut kont l-ammisjoni tal-konvenut dwar ir-responsabilita' ghall-kollizjoni datata 3 ta' Marzu, 2002 u ghar-rigward ta' l-ammont mitlub in linea ta' danni fis-somma ta' mija u disghin Lira Maltija (LM190) u jichad l-eccezzjoni tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tas-sentenza kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------